

# Fil-Parroċċa ta' Ħal Lija 1872 - 1888

## *Aspetti tal-Parrokat ta' Dun Anton Grech Falzon*

Minn Winston L. Zammit B.A(Hons); P.G.C.E.; M.A

Fl-1872, il-kariga ta' Kappillan ta' Ħal Lija sfat vojta wara r-riżenja tal-Kappillan Dun Salv Parnis[1]. Minfloku bħala Kappillan ta' Ħal Lija ġie maħtur is-Saċerdot Dun Anton Grech Falzon. Iben in-Nutar Pawlu Grech u Marianna née Falzon, imwieled f'Ħ'Attard fl-14 ta' Ġunju 1839[2], hu ġie ordnat Saċerdot mill-Isqof Gejtanu Pace Forno O.S.A, fl-20 ta' Diċembru 1862. Interessanti li wieħed jinnota li meta ġie ordnat Saċerdot, ħdejn ismu fir-reġistru tal-ordinazzjonijiet tniżżel li kien minn Ħal Lija[3].

Dun Anton ħa f'idejh il-parroċċa ta' Ħal Lija fl-1872. Skont iċ-ċensiment li kien sar fis-sena ta' qabel, fl-1871, Ħal Lija kellha popolazzjoni ta' 1,600[4].

### Il-Kleru tal-Parroċċa

Meta Dun Anton ħa f'idejh il-parroċċa, Ħal Lija kellha Kleru tassew numeruż, 11-il saċerdot li kienu: Dun Ġann Maria Xerri, Dun Anġlu Fenech, Dun Ġużepp Camilleri, Dun Salv Camilleri, Dun Salv Agius, Dun Ġużepp Muscat, Dun Salv Bezzina, Dun Ġużepp Guzman li kien wieħed mill-Prokuraturi tal-Knisja, Dun Andrea Agius, Dun Feliċ Grech u Dun Ġużepp Grech[5].

Iżda sa Frar 1880 kif jidher ċar mir-Reġistru Elettorali, in-numru ta' qassisin residenti f'Ħal Lija kien niżel għal sebgħa, li kienu:

| ISEM | INDIRIZZ |
|---|---|
| Agius Dun Salv | 34, Triq Merino |
| Bezzina Dun Salv | 8, Triq Sant'Indrija |
| Guzman Dun Ġużepp | 14, Triq Sant'Indrija |
| Agius Dun Andrea | 50, Triq il-Forn |
| Camilleri Dun Salv | 22, Triq il-Forn |
| Muscat Dun Ġużepp | 55, Triq il-Forn |
| Parnis Dun Salv (ex-Kappillan) | 42, Triq Preziosi[6] |

Iżda sa Settembru 1880, Dun Salv Camilleri u Dun Salv Parnis, ma kinux iktar residenti f'Ħal Lija(7).

Fl-1882, in-numru ta' qassisin residenti f'Ħal Lija, minbarra l-Kappillan, kien niżel għal tnejn biss: Dun Andrea Agius u Dun Ġużepp Guzman(8).

Sal-1884, in-numru ta' qassisin residenti f'Ħal Lija kien tela' għal erbgħa li kienu: Dun Andrea Agius, Gun Ġużepp Guzman, Dun Feliċ Grech u Dun Ġwann Mifsud. Kien hemm ukoll il-Kjeriku Antonio Vella(9).

## Saċerdoti Ġodda

Matul il-parrukkat ta' Dun Anton Grech Falzon, Ħal Lija kellha biss żewġ saċerdoti ġodda, li kienu Dun Karlu dei Conti Sant li ġie ordnat saċerdot fl-1874(10) u Dun Anton Vella li ġie ordnat saċerdot fl-1886. L-imsemmi Dun Anton Vella, kien iben l-Avukat Pawlu Vella u Grazjulla née Sammut, u twieled Ħal Lija fit-28 ta' Diċembru 1862. Studja għand id-Dumnikani fejn kiseb il-Lawrija fit-Teoloġija f'Ġunju 1886(11). Fid-19 ta' Diċembru 1885 is-Suddjaknu Anton Vella ġie ordnat Djaknu(12) u sena wara f'ordinazzjoni li saret fil-Kappella tal-Palazz Arċiveskovili, fit-18 ta' Settembru, 1886 ġie ordnat saċerdot(13).

## It-Tagħlim tad-Duttrina

Fi żmien il-Kappillan Grech Falzon, f'Ħal Lija kien hemm Istitut tal-Edukazzjoni Nisranija mwaqqaf fil-knisja filjali ta' Sant'Indrija, fejn kien isir it-tagħlim tad-Duttrina(14).

## Il-Festa ta' San Alwiġi

Il-Kappillan Grech Falzon kien devot ta' San Alwiġi. Kien fi żmienu li saret l-istatwa ta' San Alwiġi u twaqqfet il-festa tal-qaddis, li kif se naraw kienet issir b'solennità kbira, kif jidher biċ-ċar mit-tagħrif li ġie f'idejna b'rabta mas-snin 1874, 1875, 1876 u 1880.

Billi San Alwiġi kien il-protettur tal-Istitut tal-Edukazzjoni Nisranija imwaqqaf f'Ħal Lija, insibu li f'din il-festa fl-1874, fl-1876 u fl-1880 saret iċ-ċerimonja tal-Festa tal-Ewwel Tqarbina tat-tfal tal-parroċċa(15). Fl-1880 it-tfal ġew ippreparati għal dan l-avveniment kbir mill-Ġiżwiti. Insibu wkoll li fl-1880, b'rabta ma' din il-festa, il-Kappillan Grech Falzon ħa ħsieb li jitqassmu kwantità ta' minestra u ħobż minn tliet missjunarji Ġizwiti(16).

B'rabta ma' din il-festa nsibu li għadd ta' tfal, inklużi dawk li kienu ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina, kienu mxew proċessjonalment mill-Knisja ta' Sant'Indrija għall-Knisja Parrokkjali(17). Fil-Knisja Parrokkjali, mbagħad kienet issir l-Ewwel Tqarbina. Fl-1874 qaddes Dun Karm Brincat(18). Fl-

1880, din il-quddiesa tqaddset mill-Kanonku tal-Katidral Dun Vinċenz Magri, assistit minn żewġ studenti Ġiżwiti. Wara, l-istess Kanonku Magri qassam il-premijiet[(19)].

Fl-okkażjoni tal-festa tal-1880 insibu li qabel sar Tridium predikat minn Patri Piju D'Amato[(20)].

Nhar il-festa filgħodu, wara l-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina, kienet titqaddes il-quddiesa solenni tal-festa. Fl-1874 din saret bl-orgni u bil-vuċijiet taħt id-direzzjoni tas-Sur Pawlu Bonnici. Fl-1880, din il-quddiesa tqaddset mill-Kappillan Grech Falzon, bil-vuċijiet diretti minn Dun Karm Camilleri tan-Naxxar. Interessanti li fil-festa tal-1880, mat-tokki ta' nofsinhar, sar marċ mill-banda tar-Rabat, bl-uniformi u minn numru ta' bnadar[(21)].

Filgħaxija kien isir l-Għasar Solenni bil-mużika tas-Surmastrijiet Bugeja. Wara kien isir panigierku li fl-1874 sar minn Dun Ġwann Tabone, fl-1875 mill-Kappillan tan-Naxxar, fl-1876 mill-Kan. Dun Vinċenz Sapiano, u fl-1880 minn Patri Ġulju Vassallo OP[(22)].

Wara kienet issir il-purċissjoni. Fl-1874 fil-purċissjoni ħadu sehem it-tfal, il-fratellanzi u l-kleru tal-parroċċa[(23)]. Fil-purċissjoni tal-1880, insibu li ħadu sehem it-tfal, madwar mija, li mxew wara l-istandard ta' San Alwiġi, ħafna minnhom lebsin iż-żimarri. Warajhom imxew il-fratellanzi, l-istatwa ta' San Alwiġi u l-Kleru. Ir-Relikwija nġarret mill-Kanonku tal-Katidral Dun Vinċenz Magri. Fl-aħħar tal-purċissjoni, kif l-istatwa waslet quddiem il-bieb prinċipali tal-knisja, ġiet milqugħa minn grupp ta' żgħażagħ skjarati bil-gassijiet f'idejhom. Dwar il-festa tal-1880 insibu li banda esegwiet diversi biċċiet ta' mużika ħdejn il-knisja[(24)].

## It-Terz Ordni Franġiskan

Fi żmien il-Kappillan Anton Grech Falzon, nhar il-Ħamis 25 ta' Jannar 1883, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija twaqqfet it-Terz Ordni Franġiskan. Il-funzjoni tmexxiet mill-Patrijiet Franġiskani Minuri[(25)].

## Il-Kolera tal-1887

F'Awwissu 1887 tfaċċat f'Malta mxija qerrieda tal-kolera u f'kull belt jew raħal twaqqaf kumitat biex jieħu miżuri kontra din l-imxija. Il-Kappillan Grech Falzon, ta s-servizzi tiegħu f'dan il-kumitat bħala President. Miegħu fl-istess kumitat, kien hemm żewġ saċerdoti oħra, Dun Pietru Pawl Borg li kien il-Viċi President u Dun Anton Vella S.Th. D li kien is-segretarju.

## Tmiem ta' Parrokat

Il-Kappillan Grech Falzon ġie deskritt bħala predikatur mill-aqwa. Fost

il-paniġierki li għamel insibu dak bil-Malti, fil-festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta fi Frar 1875[27], u ieħor bil-Malti nhar il-festa ta' Santa Liena, B'Kara fit-18 t'Awwissu 1878[28]. Għamel ukoll l-orazzjoni funebri waqt il-funeral tal-Papa Piju IX (1846-1878) li sar fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija fil-5 ta' Marzu 1878[29].

Il-Kappillan Grech Falzon miet fis-27 t'April 1888 fl-età ta' 49 sena[30]. Wara mewtu l-parroċċa tmexxiet minn Dun Anton Vella S.Th. D bħala Vigarju Kurat sakemm inħatar is-suċċessur tiegħu.

Sliema - Malta
30.iii.2014

**Referenzi**


1 A Ebejer: Ħal Lija il-Villa Maltija KKM 1976 p32
2 G. Cutajar: Dun Anton Grech Falzon Kappillan ta' Ħal Lija 1872-1888 Villa Lija Marzu 1975 p5
3 A(rkivju) K(atidral) M(alta) R.O 17 (1857-1874) f.29.R
4 L'ORDINE 19-XII-1872
5 G. Cutajar, cp. cit p5
6 M(alta) G(art) G(azzetta) 16-II-1880 p31
7 *Ibid*, 22-IX-1880 p331
8 *Ibid*, 17-IV-1882 p95
9 *Ibid*, 20-III-1884 p82
10 J. Calleja: ORDINAZZJONIJIET SAĊERDOTALI (1800-2000) (2001 p30)
11 Malta Tagħna 9-X-1920
12 A(rkivju) K(atidral) M(alta) CEM O 18 (1885-1889) ara taħt 19.XII.1885
13 *Ibid*, ara taħt 18-IX-1881
14 Fede et Azione, 6-V-1874 p14
15 *Ibid*, 27-VI-1874 p202, 8-VII-1876, 16-VI-1880 p191
16 *Ibid*, 16-VI-1880 p191
17 *Ibid*, 27-VI-1874 p202, 8-VII-1876, 16-VI-1880 p191
18 *Ibid*, 27-VI-1874 p202
19 *Ibid*, 16-VI-1880 p191
20 *Ibid*, p192
21 *Ibid*, 27-VI-1874 p202, 16-VI-1880 p191
22 *Ibid*, 27-VI-1874 p202, 19-VI-1875 p196, 8-VII-1876, 16-VI-1880 p191
23 *Ibid*, 27-VI-1874 p202
24 *Ibid*, 16-VI-1880 p192
25 L'AMICO DEL POPOLO 27-I-1883 p2
26 Malta Corriere Mercantile Malta 25-VIII-1887
27 Fede ed Azione, 13-II-1875
28 *Ibid*, 24-VIII-1878
29 A ferris L'Amore dei Maltesi alla Morte di Pio IX(1878) pp317-332
30 Fede ed Azione 3-V-1888, L'ORDINE 31-VIII-1888